MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 355/2008

**Simonds Farsons Cisk plc (C113)**

**Vs**

**John Carl sive Jean Carl Gauci (KI 297573M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, disa' mija u sitta u erbghin ewro u sittax-il centezmu (€3,946.16) skond statement of account (Dok A), rapprezentanti self lill-intimat mis-socjeta' rikorrenti u dan a tanur ta' ftehim bejn il-kontendenti (Dok B), kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex jaffettwa l-hlas relattiv, anke permezz ta' ittra ufficcjali ta' l-14 ta' Lulju 2008, ipprezentata a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-kap 12, tal-Ligijiet ta' Malta, huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali fir-rikors imsemmija u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' meta nkiser il-ftehim sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-26 ta' Ottubru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €3946.16 bl-imghax legali mill-14 ta' Lulju 2008 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkusi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 2008.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------